MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1099/2006

**Dottor Michele Martone f'ismu proprju u bħala prokuratur speċjali tal-assenti Massimiliano Martone fil-kwalità tagħhom ta' *majority shareholders* tas-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited***

***Versus***

**Raymond Gatt f'isem u in rappreżentanza tad-ditta *Gatt Galea & Co.* fil-kwalità pretiża tagħha ta' kontrollur tas-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited*; u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jikkontestaw il-ħatra mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ["l-Awtorità konvenuta"] tal-konvenuti *Gatt Galea & Co.* ["id-Ditta konvenuta"] bħala kontrolluri tas-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* ["is-Soċjetà"] li fiha jgħidu li għandhom il-maġġoranza tal-ishma, u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
i. tgħid illi l-ħatra tad-Ditta konvenuta mill-Awtorità konvenuta bħala kontrollur tas-Soċjetà ma

tiswiex u ma għandha ebda effett fil-liġi għax kontrollur jista' jkun biss persuna fiżika u, f'kull każ, id-Ditta konvenuta ma tistax titqies persuna legali jew korp ġuridiku;

ii. jekk ma tilqax l-ewwel talba, jew sussidjarjament, tgħid illi l-ħatra ta' kontrollur hija abużiva u bi ksur tal-liġi għax ma għadhiex aktar meħtieġa wara li b'att pubbliku tal-4 ta' Diċembru 1998 is-Soċjetà ħallset kull dejn li kellha mas-soċjetà *Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* ["*BICAL*"] u mas-soċjetajiet assoċjati;

iii. jekk ma tilqax l-ewwel żewġ talbiet, jew sussidjarjament, tgħid illi l-ħatra ta' kontrollur ma għadhiex aktar meħtieġa wara l-ħatra tal-Avukat Robert Tufigno bħala stralċjarju billi l-ħatra ta' stralċjarju żżomm lid-Ditta konvenuta milli tkun u tagħmilha ta' kontrollur tas-Soċjetà, kif igħid u jrid l-art. 29(4) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju [Kap. 371][1]; u

iv. bħala konsegwenza ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, jew ta' dawk fosthom illi jingħataw, tordna lill-Awtorità konvenuta sabiex minnufih tħassar il-mandat mogħti lid-Ditta konvenuta.

2. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-azzjoni safejn hija waħda għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv waqgħet b'dekadenza taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

3. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: Fl-1972 is-Soċjetà kienet meqjusa bħala "attiv kontrollat" għall-għanijiet tal-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) [Kap. 383] għax is-soċjetà *BICAL* (li wkoll kien "attiv kontrollat") kellha interess fiha, u għalhekk kien inħatar kontrollur taħt l-art. 18 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju [Kap. 215][2].

4. B'kuntratt tal-4 ta' Diċembru 1998 fl-atti tan-Nutar Romina Bartolo, is-Soċjetà ħallset djun li kellha ma'

[1] **29.** (4) Meta persuna tiġi nominata [biex tagħmilha ta' stralċjarju għall-likwidazzjoni tal-affarijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu], dik il-persuna tkun l-istralċjarju tal-kumpannija għall-finijiet kollha tal-liġi bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra.

[2] Il-Kap. 215 kien imħassar bl-Att XV ta' l-1994 u sostitwit bl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju [Kap. 371].

*BICAL* u mas-soċjetajiet assoċjati, li għalihom kien deher fuq il-kuntratt il-kontrollur ta' dak iż-żmien, Emanuel Anthony Bonello. Is-Soċjetà tgħid illi fuq dak l-att kienet ħallset id-djun kollha, fosthom ukoll id-drittijiet tal-kontrollur, iżda d-Ditta konvenuta tgħid illi wkoll wara dak l-att kien fadal diversi pendenzi, fosthom id-dritt tal-kuntrollur u l-likwidazzjoni u stralċ tas-Soċjetà. Fil-fatt il-kuntratt fil-klawsola 2 u 3[3] igħid x'inhuma l-ammonti li kellha tagħti s-Soċjetà, u fil-klawsola 7[4] jgħid illi "*save as provided under Clauses two (2) and (3) the First Party* [is-soċjetà *BICAL* u s-soċjetajiet assoċjati magħha] *has no further claims against the Malta and Europe Hotels Limited*".

5. Fil-klawsola 6 l-kuntratt ikompli jgħid hekk:

6. Upon the signing of this deed, the First Party with the approval of the Special Controller of the *Malta and Europe Hotels Limited* and the Third Party [l-atturi Martone] shall advise the Competent Authority to make an order for the liquidation of the *Malta and Europe Hotels Limited* in terms of the Controlled Companies (Procedure for Liquidation) Act 1995, the Banking Act, and other relevant laws and to appoint a person *ad hoc* as Controller to carry into effect such order of liquidation and the final distribution to the shareholders of the *Malta and Europe Hotels Lmited*.

6. B'ittra tad-19 ta' Novembru 1999,[5] il-Bank Ċentrali ta' Malta bis-saħħa tas-setgħa li kellu taħt il-Kap. 215 ħatar lill-Avukat Michael Frendo "*to assume the functions of liquidating and winding up the affairs of the Company* [is-Soċjetà] *with a view to eventual distribution of the Company's assets according to law*". Fit-23 ta' Marzu 2004 l-Awtorità konvenuta [li taħt il-Kap. 371 ingħatat is-setgħat li kienu tal-Bank Ċentrali f'dan il-qasam] ħatret lill-Avukat Robert Tufigno flok l-Avukat Frendo, u l-Avukat Tufigno fil-11 ta' Ottubru 2004[6] għarraf lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet bil-ħatra tiegħu bħala stralċjarju.

---

[3] *Fol*. 27.

[4] *Fol*. 28.

[5] *Foll*. 33 *et seq.*

[6] *Fol*. 35.

7. Imbagħad b'ittra tal-31 ta' Jannar 2003[7] l-Awtorità konvenuta ħatret lid-Ditta konvenuta kontrollur tas-soċjetà *BICAL* u tas-soċjetajiet assoċjati magħha, fosthom is-Soċjetà.

8. Is-Soċjetà qiegħda issa tikkontesta l-ħatra tad-Ditta konvenuta bħala kontrollur għal dawn ir-raġunijiet jew xi waħda jew aktar minnhom:

i. għax ma hijiex persuna fiżika;

ii. għax ma għadx hemm ħtieġa ta' kontrollur wara li s-Soċjetà ħallset kull dejn li kellha mas-soċjetà *BICAL* u s-soċjetajiet assoċjati magħha; u

iii. għax ma hemmx ħtieġa ta' kontrollur ukoll għax inħatar stralċjarju.

9. Qabel ma l-qorti tqis il-meritu hija meħtieġa deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**469A.** (3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv … … … għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf, jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.

10. Din il-kawża iżda hija maħsuba biex tikkontesta l-kontinwazzjoni fil-ħatra ta' kontrollur – mhux fatt ta' darba, bħal ma hija l-ħatra nfisha, iżda fatt kontinwat li jkollu l-effetti tiegħu tul iż-żmien kollu li l-kontrollur idum fil-ħatra u jkompli jwettaq id-dmirijiet u s-setgħat tiegħu. Billi l-ħatra għadha fis-seħħ sallum ma hux il-każ li l-azzjoni waqgħet b'dekadenza.

Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' dekadenza u tordna li jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

7 *Foll.* 24 *et seq.*